**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 5 ta' Lulju 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**EL SHAHUMI ISAM MOHAMED A**

Kump Nru. 878/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **El Shahumi Isam Mohamed A,** detentur tal-karta tal-identita nurmu 53095A**,** gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-10 ta' Lulju 2012 u fix-xhur ta' qabel

1. Appropjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-dannu ta' James Grech detentur tal-karta tal-identita nurmu 605650M u/jew persuni ohra.

2. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-31 t' Awwissu 2012 (ara folio 19) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment

Rat li l-imputat, ammetta ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u baqa' jinsisti fuq tali ammissjoni anke wara li nghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li l-Qorti ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-dokumenti prodotti u d-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat ;**

**Ili** in tema ta' piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tqis bhala fattur determinanti il-fatt li l-imputat, kif jirrizulta car mill-verbal tas-seduta tal-lum stess, ghadda s-somma ta' €1,550 lil James Grech, li minn naha tieghu accettahom *in full and final settlement* tal-pretensjonijiet kollha li seta kellu fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma' din il-kawza.

Qieset ukoll li l-imputat ghandu hamest itfal ilkoll minorenni li jiddependu minnu ghall-manteniment u l-karba tal-istess imputat sabiex din il-Qorti tkun klementi mieghu.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil El Shahumi Isam Mohamed A hati tal-imputazzjonijiet migjuba u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess El Shahumi Isam Mohamed A bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil El Shahumi Isam Mohamed A fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur